MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1389/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**
**Perry Keith (ID 12072M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Gunju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u disghin liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm690.38), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21574923, (A/C 40017784), liema servizz gie nstallat fil-fond « Silverstone », Flat 1, Triq l-Iskuna, St. Pauls Bay, skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett anness mal-avviz markat Dok.A u kuntratt relattiv markat Dok.B.**

**Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-11 ta' Novembru, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u disghin liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm690.38), bl-imghax legali dekoribbli mill-14 ta' Ottubru, 2005, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------